MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1427/1992/1

**L-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone ghan-nom u**
**in rapprezentanza tas-socjetà Mira Motor Sales Limited**

**v.**

**Mario Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà**
**Paul Tonna Son of Santu Limited u Joseph Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni kif mizjud prezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Settembru 1992 deher avviz (Dok. A) li fih inghad illi b'digriet moghti minn dik il-Qorti fit-3 ta' Settembru 1992 fuq rikors ta' Mario Tonna gie iffis(s)at il-jum tal-Gimgha 6 ta' Novembru 1992 mid-9:00 *a.m* sa nofsinhar ghall-bejgh bl-irkant li kien gie ordnat b'digriet tas-16 ta' Lulju 1992 li ghandu jsir f'Misrah l-Assedju l-Kbir, Valletta, tal-*van* Isuzu Reg. Numru V-3201 maqbud minghand Joseph Zahra; illi l-attur nomine in forza ta' kuntratt ta' *hire purchase* tat-2 ta' Ottubru 1991 kien biegh b'*hire purchase* l-imsemmi *van* lill-konvenut Joseph Zahra bil-prezz ta' sitt elef hames mija u tnejn u hamsin Lira (Lm6525) [recte: Lm6552] mil-liema somma l-konvenut (*sic*) hallas biss is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira (Lm1625); illi skond paragrafu 4 ta' l-imsemmi kuntratt l-imsemmi *van* jibqa' proprjetà ta' l-attur nomine sakemm jithallas il-prezz kollu filwaqt li skond paragrafu 8 l-attur nomine, ladarba l-hlas ma sarx, ghandu dritt li jiehu lura l-istess *van*; illi jirrizulta illi l-proceduri tas-subbasta fuq imsemmija ma sarux biex jigi ezegwit titolu ezekuttiv izda biss wara li l-konvenut Mario Tonna allega li ghandu jiehu xi flus minghand il-konvenut Joseph Zahra u li l-*van de quo* kien inghata fil-pussess tieghu bhala rahan; illi skond l-Artikolu 273 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) il-bejgh bl-irkant hu definit bhala dak l-att li permezz tieghu titolu ezekuttiv jigi ezegwit; illi l-Artikolu 253 tal-Kap 12 jelenka liema huma t-titoli ezekuttivi filwaqt li l-*primo ricorso* tal-konvenut Mario Tonna ma jsemmi l-ebda titolu ezekuttiv; illi in vista tal-premess il-proceduri tas-subbasta numru 174/92 fl-ismijiet *Mario Tonna vs Joseph Zahra* huma ghalhekk nulli u mhux skond il-ligi; illi bla pregudizzju ghal fuq premess l-attur nomine ghandu ghaliex jahseb illi l-proceduri tas-subbasta fuq imsemmija qed isiru b'kolluzjoni bejn il-konvenuti b'detriment ghall-attur nomine; illi s-subbasta *de quo* hija nulla stante illi fl-10 ta' Awissu 1992 id-debitur Joseph Zahra kien oppona ghall-bejgh bis-subbasta tal-vettura *de quo*, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 1970(2) tal-Kodici Civili; premess dan kollu l-attur nomine talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:

1. tikkidjara illi l-proceduri tas-subbasta (mobbli) numru 174/92 fl-ismijiet *Mario Tonna vs Joseph Zahra* fuq imsemmija huma irritwali, nulli u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi; 2. jigi per konsegwenza ordnat it-twaqqif tal-bejgh bl-irkant ghas-6 ta' Novembru 1992; bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Tonna f'ismu propriju illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li r-rahan in kwistjoni ma giex moghti favuru izda favur socjetà b'responsabilità limitata minnu rapprezentata u ghalhekk fil-kwalità tieghu personali certament ma hux il-legittimu kontradittur;

2. Illi fit-tieni lok jigi eccepiet li t-talbiet kif mitluba fic-citazzjoni ma jistghux jigu akkolti kwantu ghall-ewwel darba (*recte*: talba) peress li issa ma tistax tigi attak(k)ata l-procedura utilizzata u dan stante li l-vettura inkwistjoni digà giet illiberata u fit-tieni lok it-tieni talba llum hija ezawrita u dan stante li s-subbasta saret u l-imsemmi *van* giet (*sic*) illiberat u kwindi ma fadalx proceduri ta' subbasta x'jigu sospizi;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, hawn *si trattava* ta' rahan *ai termini* tal-Kodici Civili, liema artikolu huwa wiehed specjali. Li fl-ebda mument qatt ma kien hemm kolluzjoni bejn il-konvenuti u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;
Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Mario Tonna u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zahra illi biha eccepixxa:
1. Illi ma kien hemm ebda kolluzjoni bejn l-eccipjent u l-konvenut l-iehor Mario Tonna li wasslet ghall-proceduri ta' subbasta in meritu f'din il-kawza; tant illi l-eccipjent

kien ipprezenta r-risposta tieghu skond il-ligi, cioè l-Artikolu 1970(2) tal-Kap 16, ghar-rikors ta’ Mario Tonna sabiex jigi awtorizzat il-bejgh fl-irkant tal-vettura in kwistjoni b’mod illi l-istess bejgh ma setax jigi ordnat mill-Qorti u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi hawn imsemmija;

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent qatt ma kkuntratta xi debitu f’ismu personalment ma’ Mario Tonna, billi hu agixxa fil-konfront tieghu in rapprezentanza ta’ socjetà;

3. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Joseph Zahra u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Tonna nomine (wara z-zieda ossia korrezzjoni fil-kwalita` li fiha kien qed jigi mharrek) illi biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullità tac-citazzjoni u dan stante li fil-waqt li l-okkju tal-kawza huwa dirett kontra l-eccipjent fil-kwalità hemm premessa u cioè nomine u dan konsegwentement ghall-korrezzjoni awtorizzata permezz ta’ digriet tad-29 ta’ Novembru, 1993, il-premessi u talbiet ta’ l-istess citazzjoni huma diretti kontra l-eccipjent personalment u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet kif mitluba fic-citazzjoni ma jistghux jigu akkolti - kwantu ghall-ewwel talba peress li f’dan l-istadju ma tistax tigi attakkata l-procedura utilizzata u dan stante, (i) li l-vettura inkwsitjoni digà giet illiberata validament favur l-eccipjent u (ii) peress li qabel il-liberazzjoni taghha kellu kull opportunità li jwaqqaf il-bejgh, haga li ma ghamilx - u kwantu ghat-tieni talba llum hija ezawrita u dan stante li r-rikjesta saret u l-imsemmi *van* gie definittavament illiberat u kwindi ma fadalx proceduri tas-subbasta x’jigu sospizi;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, hawn *si tratta* ta' rahan *ai termini* tal-Kodici Civili, liema istitut tal-ligi huwa wiehed specjali. Li fl-ebda mument ma kien hemm kolluzjoni bejn il-konvenuti u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Mario Tonna nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Mario Tonna *proprio et nomine*,ipprezentata fil-hmistax (15) ta' Ottubru, 1996 (fol. 69) illi biha eccepixxa illi:
1. Illi fl-ewwel lok l-awtorizzazzjoni moghtija fl-20 ta' Mejju 1996 hija nulla stante l-p(r)egudizzjali li holqot ghall-eccezzjonijiet precedenti tal-konvenut fil-kawza bi ksur ghal dak li jistabilixxi l-artikolu 157 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ghall-bqija t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt ghar-ragunijiet digà dettaljatament spjegati f'diversi noti ta' eccezzjonijiet f'din il-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Mario Tonna nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-hamsa (5) ta' April, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… tilqa' l-ewwel talba tas-socjetà attrici u b'hekk tiddikjara li l-proceduri tas-subbasta (mobbli) numru 174/92 fl-ismijiet *Mario Tonna nomine vs Joseph Zahra* huma rritwali, nulli u bla effett fil-ligi. Ghar-rigward tat-tieni talba tiddikjara li l-procediment hu ezaurit stante li l-istess proceduri tas-subbasta gew konkjuzi u ghalhekk ma jistghux jitwaqqfu;

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut Tonna nomine";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"F'dawn il-proceduri s-socjetà attrici qed taghmel referenza ghal proceduri tas-subbasta numru 174/92 u qed titlob li jigi dikjarat li dawn l-istess proceduri fl-ismijiet *Mario Tonna vs Joseph Zahra*, li kienu jinvolvu l-bejgh tal-*van* Isuzu numru ta' registrazzjoni V-3201 maqbud minghand Joseph Zahra, huma rritwali, nulli u bla effett u konsegwentement li jigi ordnat li jitwaqqfu l-istess proceduri;

"Mill-provi jirrizulta li s-socjetà attrici kienet bieghat b'kuntratt ta' *hire-purchase* lill-konvenut Joseph Zahra l-imsemmi *van* u dana in forza ta' skrittura tat-2 ta' Ottubru 1991 bil-prezz ta' sitt elef hames mija u tnejn u hamsin lira (Lm6525) [recte: Lm6552] li minnhom l-istess Zahra kien hallas biss is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm1625). Skond dan il-ftehim il-vettura in kwestjoni kella tibqa proprjetà tas-socjetà attrici sakhemm ma jithallax il-prezz kollu. Inoltre s-socjetà attrici, zammet id-dritt, f'kaz li l-konvenut Zahra ma jhallax xi pagamenti u f'kaz li huwa ma joqodx ghal xi kondizzjoni ohra tal-ftehim, li tista titlob il-hlas tal-bilanc kollu eventwalment dovut u li tirtira l-vettura minghand il-konvenut Zahra sabiex din ta' l-ahhar tigi stmata u tinbiegh. Jirrizulta ghalhekk li l-imsemmija vettura kienet qed tintuza mill-konvenut Zahra, filwaqt li s-socjetà attrici kienet il-proprjetarja taghha;

"F'hin minnhom il-konvenut Zahra kkonsenja l-*log book* ta' l-imsemmija vettura lill-konvenut l-iehor Mario Tonna nomine sabiex l-istess vettura taghmel tajjeb bhala rahan ghal certu ammont li kien dovut mill-istess Zahra lill-istess Tonna nomine. Dan l-ammont kien ta' *circa* sitt elef u hames mitt liri maltin (Lm6500) dovut in konnessjoni ma bejgh ta' xi hgieg. Jidher li Zahra naqas li jhallas l-imsemmi ammont lill Tonna, li ghalhekk ipproceda ghall-bejgh bis-subbasta tal-vettura in kwestjoni. Jirrizulta li l-konvenut Zahra kien oppona ghall-imsemmi bejgh in subbasta peress li l-vettura ma kinitx proprjetà tieghu izda kienet proprjetà ta' socjetà kummercjali u cioè tas-socjetà attrici. Nonostante din l-opposizzjoni l-bejgh sar xorta wahda u finalment il-vettura giet liberata a favur tal-konvenut Tonna nomine stess bil-prezz ta' erbat elef liri

maltin (Lm4000). Il-konvenut Tonna nomine gie ammess joffri *animo compensandi*. Jirrizulta inoltre li s-socjetà attrici ghamlet rikors fl-atti tas-subbasta in kwestjoni fejn talbet li jigi revokat id-digriet li bih gie ordnat il-bejgh bis-subbasta tal-vettura in kwestjoni u b'hekk tigi sospiza s-subbasta. Din it-talba, però, lanqas ma giet akkolta;

"Is-socjetà attrici tippretendi li l-imsemmija proceduri tas-subbasta huma nulli stante li fl-istess proceduri ma kienx qed jigi esegwit titolu esekuttiv u stante li kif già rilevat il-konvenut Zahra kien oppona ghall-bejgh bis-subbasta tal-vettura. Inoltre s-socjetà attrici tippretendi li kien hemm kolluzjoni bejn il-konvenuti ghad-detriment taghha. F'dan l-istadju ghandu jinghad li l-allegazzjoni tas-socjetà attrici rigwardanti l-kolluzjoni ma tirrizultax ippruvata;

"L-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Tonna personalment gew sorvolati biz-zieda fl-okkju li giet ordnata bid-digriet tad-29 ta' Novembru 1993. B'hekk Mario Tonna hu parti fil-kawza biss bhala rappresentant tas-socjetà *Paul Tonna Son of Santu Limited* u mhux fil-vesti tieghu personali;

"L-eccezzjonijiet tal-konvenut Tonna nomine rigwardanti n-nullità tad-digriet tal-20 ta' Mejju 1996 ghandhom jigu michuda stante li l-istess eccezzjonijiet huma rritwali u mhux skond il-ligi. Semmai jista' jsir appell minn dan id-digriet wara li tinghata s-sentenza finali. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Tonna nomine ukoll ghandha tigi michuda stante li din mhux ibbazata fil-ligi;

"Fil-meritu l-konvenut Tonna nomine qed jeccepixxi illi l-procedura tas-subbasta ma tistax tigi attakkata stante li l-vettura in kwestjoni giet illiberata validament favur tieghu u qabel tali liberazzjoni s-socjetà attrici naqset li twaqqaf il-bejgh bis-subbasta u ghalhekk ukoll ma fadalx proceduri li jistghu jigu sospizi. Inoltre gie eccepit li hawn *si tratta* ta' rahan liema istitut tal-ligi huwa wiehed specjali. L-eccezzjonijiet tal-konvenut Zahra huma fis-sens li ma kienx hemm ebda kolluzjoni bejnu u l-konvenut l-iehor Tonna, tant li huwa kien oggezzjona ghal proceduri tas-subbasta in kwestjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1970(2) tal-Kap 16;

"Dwar l-eccezzjonijiet fil-meritu mill-provi jirrizulta li l-konvenut Zahra kien offra bhala rahan lill-konvenut l-iehor Tonna nomine l-vettura in kwestjoni sabiex l-istess vettura tghamel tajjeb ghall-obligazzjonijiet li kellu mal-istess Tonna nomine. Skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istitut tar-rahan fil-ligi taghna, cioè l-artikoli 1964 *et seq*. tal-Kodici Civili, il-kreditur, f'dan il-kaz Tonna nomine, ma setghax jiddisponi mir-rahan. Huwa seta', kif fil-fatt ghamel, jitlob li l-vettura tinbiegh bl-irkant taht is-setgha tal-Qorti. L-artikolu 1970(2) jipprovdi li din it-talba ghandha tigi michuda, f'kaz li d-debitur, f'dan il-kaz Zahra, jopponi ghal-istess talba;

"Jirrizulta li in effett id-debitur oppona ruhu ghat-talba sabiex isir il-bejgh bis-subbasta u ghalhekk l-istess bejgh ma setghax isir. Jidher ghalhekk li dan il-bejgh sar b'mod irritwali u konsegwentement hu null u mhux validu. Il-fatt li l-bejgh effettivament sar u li l-vettura giet liberata a favur tal-konvenut Tonna hu irrilevanti ghall-finijiet ta' l-ewwel talba. Hu ovvju però li t-tieni talba ma tista qatt tigi akkolta stante li in effett is-subbasta in kwestjoni giet finalizzata;

"In vista tal-premess l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenut nomine ghandhom jigu michuda, filwaqt li l-ewwel talba tas-socjetà attrici ghandha tigi akkolta. In vista ta' dawn l-istess rizultanzi l-ispejjez tal-konvenut Zahra ghandhom jithallsu mill-konvenut Tonna nomine";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Mario Tonna nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… [li dina il-Qorti] tvarja s-sentenza sucitata tal-5 ta' April, 2002, u dan billi filwaqt li thassarha kwantu laqghat l-ewwel talba attrici u tilqa' ghalhekk l-eccezzjonijiet ta' l-esponent noe u tikkonfermaha kwantu cahdet it-tieni talba attrici …";

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell tal-ko(n)venut nomine ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu;

Rat illi l-konvenut Joseph Zahra, debitament notifikat bir-rikors ta' appell, naqas illi jipprezenta risposta, u illi waqt l-udjenza ta' dina l-Qorti ta' l-ewwel (1) ta' Frar, 2005 la deher l-istess konvenut u anqas xi hadd ghalih;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji - jew, kif jissejhu fir-rikors ta' appell, "lanjanzi" - tal-konvenut nomine kontra s-sentenza tat-5 ta' Mejju, 2002, fi kliem l-istess rikors, huma s-segwenti:
"1. Illi l-attur noe zied il-kawzali tieghu meta l-kawza kienet ga stradata fuq binarju, inter *alia*, abbazi ta' kolluzjoni bejn iz-zewg konvenuti u dan kontra l-principju '*selecta una via non datur recursus ad alteram*';

2. Illi l-azzjoni ta' l-attur kienet wahda personali u ghalhekk *semmai* kienet biss tispetta lid-debitur u konvenut f'dawn il-proceduri Joseph Zahra li jipproponiha quddiem dawn il-Qrati;

3. Illi fi kwalunkwe kaz il-Qorti tal-Kummerc xorta wahda ipprocediet bis-subbasta. Dan ma kienx zball li jgib in-nullità ta' l-atti izda biss *semmai* zball li ghandha tbatih il-parti abbazi tal-principju '*error judic*[*is*]*, error partis*' b'dana illi l-parti dejjem jibqala' r-rimedju li tazzjona mod iehor kontra t-terz jew ir-registratur tal-Qrati";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant huwa lampantement infondat. Infatti iz-zieda fil-kawzali ta' l-att ta' citazzjoni, lamentata mill-appellant, giet awtorizzata permezz ta' digriet interlokutorju moghti mill-ewwel Qorti fl-ghoxrin (20) ta' Mejju, 1996 (fol. 64). Appell minn dan id-digriet huwa konsentit biss jew (i) qabel is-sentenza definittiva *ai termini* ta' l-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 jew (ii) flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva. Mill-atti processwali ma

jirrizultax illi l-appellant ipprezenta rikors *ai termini* ta' l-imsemmi artikolu 229(3) tal-Kap. 12 sabiex jigi akkordat lilu l-permess mill-ewwel Qorti sabiex jappella mid-digriet in kwistjoni qabel is-sentenza definittiva. Kif jidher car mit-talba kontenuta fir-rikors ta' appell in ezami, hawn fuq riprodotta, l-appellant mhux qed jappella mill-imsemmi digriet tal-20 ta' Mejju, 1996. F'dan ir-rigward, tajjeb illi tigi hawn riprodotta s-segwenti silta mis-sentenza appellata:
"L-eccezzjonijiet [jew ahjar l-ewwel eccezzjoni a fol. 69] tal-konvenut Tonna nomine rigwardanti n-nullità tad-digriet tal-20 ta' Mejju 1996 ghandhom jigu michuda stante li l-istess eccezzjonijiet huwa rritwali u mhux skond il-ligi. Semmai jista' jsir appell minn dan id-digriet wara li tinghata s-sentenza finali."

Ikkunsidrat:

Illi dak illi qed isostni l-appellant permezz tat-tieni (2) aggravju tieghu seta' jigi sottomess biss *per via di eccezzione* u, peress illi, jekk verament jezisti l-istat irritwali ta' l-attur nomine allegat mill-appellant, dan l-istat kien già jezisti meta giet intavolata l-kawza odjerna, jew, l-aktar tard, meta giet awtorizzata z-zieda fl-att ta' citazzjoni permezz ta' l-imsemmi digriet tal-20 ta' Mejju, 1996, l-eccezzjoni relativa kellha tigi avanzata mhux izjed tard minn meta l-appellant ipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu illi tinsab a fol. 69. L-appellant ma ssollevax eccezzjoni fis-sens tat-tieni aggravju tieghu la fl-ahhar imsemmija nota ta' eccezzjonijiet tieghu u lanqas fin-nota ta' eccezzjonijiet illi kien ipprezenta qabilha (fol. 57). A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konxja illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu pprezentata quddiem l-ewwel Qorti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, 1998 (fol. 86 sa 89) l-appellant issottometta hekk (fol. 88):
"illi l-pretensjoni li l-atti [tas-subbasta] huma nulli abazi ta' l-oppozizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1970(2) tispetta <u>biss lill-ezekutat</u> f'dawn l-atti. Inutli li l-attur qieghed iressaq din il-pretensjoni, ghax tali karenza fl-atti, jekk tezisti, tispetta biss lil Joseph Zahra u mhux lil xi kreditur tieghu."

Din is-sottomissjoni ma tammontax ghal eccezzjoni; però, anke kieku kellha, ghall-grazzja ta' l-argument, tigi konsidrata bhala eccezzjoni, josta ghaliha dak illi jipprovdi l-Artikolu 728 tal-Kap. 12. Kellu ragun, ghalhekk, l-attur nomine meta, b'riferenza ghal din is-sottomissjoni tal-konvenut nomine, qal hekk fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (fol. 93):
"… minn ezami ta' l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjetà konvenuta ma jirrizultax li qatt giet eccepita eccezzjoni fir-rigward ta' l-interess guridiku tas-socjetà attrici u tali eccezzjoni ma tistax titressaq f'dan l-istadju bil-mezz ta' nota ta' osservazzjonijiet";

Ghar-ragunijiet hawn moghtija, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma jistax jigi akkolt;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tielet (3) u l-ahhar aggravju ta' l-appellant, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif huwa qed jippretendi, la darba huwa sokkombenti fil-kawza odjerna, illi ma ghandux ihallas l-ispejjez gudizzjarji relattivi. Il-konvenut nomine seta', kieku ried, ammetta t-talba attrici - f'liema kaz l-ispejjez gudizzjarji kienu jonqsu sostanzjalment - illi permezz taghha l-attur nomine talab lill-ewwel Qorti tiddikjara l-proceduri in kwistjoni tas-subbasta nulli. Il-konvenut mhux talli kkontesta din it-talba quddiem l-ewwel Qorti talli, meta hareg tellief fil-proceduri fi prim'istanza, intavola l-appell odjern; altru milli *error judicis error partis*!

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant Mario Tonna nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------